**IL-FLUS TA’ MALTA**

Il-Gżejjer Maltin ġarrbu tliet żminijiet ta’ kultura numismatika, kull wieħed minnhom mirfud mill-ħruġ tal-muniti. L-ewwel wieħed, li ma tantx hu magħruf, hu dak iż-żmien tal-ħarġa awtonoma ta’ muniti tal-bronż li nħadmu wara li l-gżejjer kienu ntreħew f’idejn Ruma mill-Kartaġiniżi meta’ faqqgħet it-Tieni Gwerra Punika (218 Q.K.) li tirrifletti t-taħlita tat-tliet kulturi (Punika/Griega/Rumana) prevalenti matul l-aħħar żewġ sekli QK. It-tieni żmien, li hu aktar magħruf, kien il-perijodu tal-ħakma ta’ l-Ordni ta’ San Ġwann, li nkitbu għadd ta’ kotba dwar il-muniti li kien ħareġ. It-tielet perijodu, ħafna aktar riċenti, jibda mit-twaqqif tal-Bank Ċentrali ta’ Malta fl-1968, mit-tneħħija miċ-ċirkolazzjoni tal-flus Ingliżi fis-snin 1971/72 u mill-ħarġa sussegwenti tal-muniti Maltin. Fl-1 ta’ Jannar 2008, Malta adottat l-euro bħala l-munita nazzjonali tagħha u saret valuta legali f’Malta.